MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 515/2006

Romina Falzon
vs
1. Id-Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali
2. Francis Xavier u Emanuela konjugi D'Anastasi

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponiet:

1. Illi r-rikorrenti tghix fil-fond 27A, Triq il-Ghajn Had-Dingli. Illi f'din ir-residenza kienet tghix ommha u cioe` Doris Schembri u l-istess rikorrenti u dan ghal diversi snin.

2. Illi fil-bidu tas-sena 2001 inqala' xi dizgwid familjari bejn ir-rikorrenti u ommha. Minhabba f'hekk ir-rikorrenti, uliedha u l-partner taghha Henry Fenech marru

jghixu temporanjament, ghal madwar tlett xhur, f'post iehor. Gara izda li wara xi zmien dan id-disgwid spicca, u l-istess rikorrenti u uliedha regghu rritornaw jghixu f'din ir-residenza. Illum il-gurnata, omm ir-rikorrenti ma ghadhiex tghix f'dan il-post huma r-rikorrenti u l-erba` ulied taghha u cioe` Peter li twieled fil-15 ta' Ottubru, 1998, Fabrizio li twieled fit-28 ta' Dicembru 1999, Pablo li twieled fid-9 ta' Frar 2001 u Lee li twieled fis-7 ta' Lulju 2002.

3. Illi r-ricevuti tal-kera baqghu jithallsu regolarment sat-22 ta' Mejju 2002 meta mbaghad l-intimati D'Anastasi ma baqghux jaccettaw kera.

4. Illi fil-31 ta' Lulju 2003 giet intavolata kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet D'Anastasi vs Falzon (Avviz Nru 394/2003DM) fejn qed jintalab li hija "tizgombra mill-fond Jasmin 27, Triq il-Ghajn, Dingli gia Josdor, 27 Triq il-Ghajn, Dingli sive 27A Triq il-Ghajn Dingli u dana fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss lilkom minn dina l-Qorti stante illi intkom qeghdin tokkupaw l-istess fond abbuzivament u illegalment u minghajr ebda titolu validu fil-ligi. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa jibqghu imharrkin ghas-subizzjoni. Salv kull azzjoni ohra, inkluza dik ghad-danni spettanti lill-atturi skond il-ligi. Ghal finijiet tal-kompetenza jigi dikjarat illi l-valur lokatizju tal-fond huwa ta' erbghin lira Maltija (Lm40) fis-sena."

5. Illi b'ittra datata 6 ta' April 2003, id-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali kien informa lill-Avukat ta' Francis Xavier D'Anastasi li l-fond **27, Triq il-Ghajn, Had-Dingli** kien gie allokat lis-sinjura Doris M'Anne Schembri (u cioe` omm l-attrici) – Ara Dok. B.

6. Illi waqt il-proceduri ta' din l-imsemmija kawza rrizulta li dan il-fond kien gie rekwizizzjonat mill-housing. Skond ma xehed Francis Xavier D'Anastasi fis-seduta tal-14 ta' Ottubru, 2004 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), il-***Housing*** kienet irrilaxxat il-pussess ta' dan il-fond favur l-istess sid. Dan huwa konfermat ukoll minn ittra mibghuta lis-sid ta' dan il-fond mid-Dipartiment ghall-

Akkomodazzjoni Socjali datata 30 ta' Jannar 2003 (Dok C) fejn jinghad illi:
"l-Ordni ta' Rekwizzizzjoni Nru 30366 fuq il-post hawn fuq imsemmi ghandha titqies bhala mhassra."

7. Illi ukoll waqt il-proceduri hawn fuq imsemmija xehed fl-20 ta' April, 2005 Lennart Zerafa, rapprezentant ta' l-istess Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali. Waqt ix-xhieda tieghu, dan ix-xhud stqarr illi fil-5ta' Marzu, 2001 kienet saret ***inspection*** fil-fond li fih tghix ir-rikorrenti u di fatti esebixxa verbal ta' dan l-access. Dan il-verbal ta' dan l-access gie anness mar-rikors u mmarkat bhala Dok D. Skond ma kompla jixhed dan ix-xhud irrizulta pero` li l-access ma sarx fil-post li fih tirrisjedi r-rikorrenti imma sar fil-post numru 27, Triq il-Ghajn, Had-Dingli li jigi tlett bibien il-fuq izjed fejn tinsab ir-residenza tar-rikorrenti. (Ara dok E konsistenti f'erba' faccati).

8. Illi minkejja li d-Dipartiment intimat jaf b'dan l-izball li sar da parti tieghu, xorta l-fond baqa' ***de-requisitioned***.

9. Illi f'kaz li l-kawza hawn fuq indikata tirnexxi kontra r-rikorrenti hija ser tisfa fit-triq b'erbat itfal u dan peress illi sar zball min naha tad-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali, liema Dipartiment ghadu sal-lum ma irrangax l-izball illi huwa ghamel meta hareg l-ittra datata 30 ta' Jannar, 2003.

10. Illi dan kollu ser jikkawza danni ingenti lill-attrici u permezz tal-prezenti qieghed izzommkom responsabbli.

11. Illi b'digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-9 ta' Marzu 2006 fil-kawza fl-ismijiet Francis Xavier D'Anastasi vs Romina Falzon et (Avviz Nru 394/2003 DM) ir-rikorrenti nghatat l-fakolta` li tutilizza s-servizzi ta' l-Avukat sottoskritt bhala Avukat Ghall-Ghajnuna Legali fil-kwistjoni li hija ghandha mad-Dipartiment konvenut (Dok A).

12. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ir-rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tiddikjara li l-ittra datata 30 ta' Jannar 2003 u li permezz taghha gie dikjarat illi l-Ordni ta' Rekwizizzjoni numru tlieta zero tlieta sitta sitta (30366) fuq il-fond hawn fuq imsemmi hija nulla u bla effett, u kif ukoll tiddikjara li kull decizjoni u ordni sabiex tinhareg id-decizjoni li titnehha l-ordni ta' rekwizzizzjoni minn fuq dan il-fond huwa null u bla effett.

2. Tordna lid-Dipartiment intimat sabiex jerga' jaghmel kollox kif kien qabel ma harget l-imsemmija ittra tat-30 ta' Jannar 2003.

Bl-ispejjez kontra l-intimati, li gew ingunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**
Rat ir-risposta tal-intimati Francis Xavier u Emanuela konjugi D'Anastasi li biha esponew:

A. Illi preliminarjament, ir-rikorrenti m'ghandha l-ebda interess guridiku sabiex tistitwixxi l-prezenti proceduri stante li permezz tal-Ordni ta' Rekwizzizzjoni numru 30366 – il-fond illum okkupat mir-rikorrenti kien gie allokat lil Doris M'Anne Schembri u dana kif jirrizulta "***ex admissis***" mid-Dokument B ezibit mir-rikorrenti stess u ghalhekk ir-rikorrenti la kellha u lanqas ghandha l-ebda "***locus standi***" fil-konfront tal-fond in kwistjoni. Il-fatt illi l-imsemmi fond eventwalment gie derekwizzizzjonat ukoll m'ghandux x'jaqsam mar-rikorrenti kif m'ghandhomx x'jaqsmu ukoll u m'ghandha l-ebda interess gjuridiku r-rikorrenti li titlob in-nullita ta' xi dokumenti ohra – li, '***del resto'***, huma '***pacta tertiis***' – konnessi u dana kif jirrizulta mit-talba odjerna. Ghalhekk, l-intimati ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

B. Illi, fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suepost:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti fir-rikors fuq imsemmi huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt, abbuzivi u vessatorji u r-rikors odjern sar sempliciment sabiex ir-rikorrenti ttawwal iz-zmien fil-fond ***de quo*** li qeghda tokkupa minghajr ebda titolu validu fil-ligi. Fil-fatt, dan ir-rikors sar minn Romina Falzon proprju meta l-avviz istitwit mill-intimati kontra taghha kien wasal fit-tmiem tieghu u waslet sabiex tinghata s-sentenza. F'dan l-avviz, li gie prezentat fit-31 ta' Lulju 2003 – avviz nru 394/2003 DM – intalab l-izgumbrament ta' Romina Falzon mill-fond in kwistjoni u l-istess avviz mar ***sine die*** fid-9 ta' Gunju 2006 sakemm jigu decizi l-proceduri prezenti u ghalhekk ghal skans ta' spejjez u repetizzjoni inutili ta' xhieda qeghda minn issa ssir talba formali mill-intimati sabiex jigu allegati l-atti tal-imsemmi avviz tar-rikors prezenti.

2. Illi kif jirrizulta mill-atti ta' fuq imsemmi avviz, il-fond "Jasmin 27 Triq il-Ghajn Dingli gja Josdor 27 Triq il-Ghajn Dingli sive 27A Triq il-Ghajn Dingli" huwa l-istess fond u zgur illi r-rikorrenti ma tistax tivvanta mid-diversi modi ta' indirizz ta' dan il-fond uniku sabiex b'mod tiggustifika t-tezi taghha.

3. Illi dan il-fond kien intiret mill-intimati u snin ilu kien rekwizzizzjonat u sussegwentement kien gie derekwizzizzjonat mill-Awtoritajiet kompetenti u dana kif jirrizulta mix-xhieda annessa mal-fuq imsemmi avviz.

4. Illi, kif mill-fuq imsemmija atti u anki ukoll ***"ex admissis"*** mir-rikorrenti f'dawn il-proceduri, l-fond in kwistjoni kien gie allokat lil certa Doris M'Anne Schembri – li tigi omm ir-rikorrenti – pero` wara zmien dina l-istess Schembri telqet minn dan il-fond u marret tabita permanentement San Pawl il-Bahar. Kien wara illi r-rikorrenti bdiet tokkupa illegalment il-fond ***de quo***.

5. Illi kemm l-Ordni ta' Rekwizzizzjoni in kwistjoni kif ukoll is-sussegwenti derekwizzizzjoni u l-atti kollha l-ohra sussegwenti u accesorji kienu ghal kollox validi fil-ligi u ma tezisti l-ebda nullita u zgur ma tistax tintalab in-nullita` taghhom da parti tar-rikorrenti li donnha

hawn qeghda tivventa xi tip ta’ ***‘azione del terzo’***. Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti.

6. Salv argumenti u sottomissjonijiet ulterjuri li jingiebu fi stadju ulterjuri ta’ dawn il-proceduri.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mill-intimati Francis Xavier u Emmanuela konjugi D’Anastasi.

Rat ir-risposta tal-intimat Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali li biha espona:

Illi preliminarjament l-azzjoni odjerna hija inidoneja u ineffikaci taht il-ligi stante li tali azzjoni sabiex (prezumibbilment) id-derekwizzjoni tal-fond kopert bl-Ordni ta’ Rekwizizzjoni RO 30366 tigi ddikjarata nulla u bla effett kellha tigi proposta fl-ambitu ta’ dak li jipprovdi l-artikolu 469A tal-Kap 12, u fi kwalunkwe kaz dejjem fi zmien sitt xhur minn meta r-rikorrenti saru jafu – jew sahansittra setghu saru jafu – bl-att amministrattiv konstitwenti fit-tnehhija ta’ l-Ordni fuq imsemmi.  B’hekk din l-azzjoni hija wkoll preskritta ai termini tal-ligi.

Illi bla pregudizzju ghas-suepost l-ewwel parti ta’ l-ewwel talba rikorrenti hija afflitta min-nuqqas ta’ kjarezza stante li mhux car x’qieghed jigi mitlub.

Illi bla pregudizzju ghas-suepost talba rikorrenti hija kontradittorja stante li r-rikorrenti ma tistax fl-istess hin titlob li l-intimat jinzamm milli johrog ordni sabiex issir derekwizizzjoni u mbaghad titlob in-nullita` ta’ ittra li permezz taghha diga’ gie dikjarat illi harget ordni ta’ derekwizzizzjoni.  Dan apparti l-fatt li l-ittra hi tat-30 ta’ Jannar li ghaliha tirreferi t-talba rikorrenti ma tiddikjarax illi l-Ordni ta’ Rekwizzizzjoni nru. 30366 hija nulla u bla effett imma li l-istess Ordni qed tigi imnehhija.

Illi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju, jekk xi wahda mit-talbiet rikorrenti hija b’xi mod diretta sabiex izommu lill-

intimat milli fil-futur johrog xi derekwizzizzjoni fir-rigward tal-fond in kwistjoni, tali talba hija inkontemplabbli minn din l-Qorti stante li l-akkoljiment taghha jkun neccessarjament jikkomporta interferenza fil-funzjonijiet amministrattivi ta' l-intimat, u tali agir ma jaqax fil-mansjonijiet tal-Qorti taghna.

Illi inoltre u dejjem bla pregudizzju ghas-suepost, l-intimat jirrileva li hu u l-ufficju tieghu dejjem agixxew ***'in good faith'*** fil-kaz in ezami; ghaldaqstant huwa jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din il-Qorti ghar-rigward tal-validita o meno ta' l-ordni ta' derekwizzizzjoni mahrug minnu fl-1 ta' Awissu 2002.

Illi m'ghandux ibati spejjez.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi f'din il-kawza, ir-rikorrenti talbet li l-ittra datata 30 ta' Jannar 2003 li ddikjarat li l-ordni ta' rekwizizzjoni fuq il-fond in kwistjoni tigi dikjarata nulla u bla effett. L-attrici talbet dan peress li hija kienet tirrisjedi fil-fond **de quo,** flimkien ma' uliedha, wara li f'din l-istess residenza kienet tghix ommha Doris Schembri. Il-konvenuti D'Anastasi laqghu billi talbu preliminarjament li jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju, u dan stante li r-rikorrenti m'ghandha l-ebda interess guridiku u ***locus standi*** stante li skond l-ordni ta' rekwizizzjoni numru 30366, il-fond okkupat mir-rikorrenti kien gie allokat lil Doris M'Anne Schembri. Din hija decizjoni dwar din l-eccezzjoni.

Dwar il-kuncett ta' l-interess guridiku, jibda biex jinghad, li;
Fil-kawza fl-ismijiet **Giulia Maria Millard vs George Said et noe** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Superjuri

[LXXII-I-II-299] inghad li biex wiehed jista' jinghad li ghandu interess guridiku li jipproponi azzjoni, hemm bzonn li l-kawza li jipproponi tkun tista' tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.

Fil-kawza fl-ismijiet **Alexander Eminyan vs John Mousu pro et nomine** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Superjuri fit-28 ta' Frar, 1997 [LXXXI-11-429] gie ritenut li l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur u f'dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir.

L-interess irid ikun guridiku, cioe` bbazat fuq xi dritt pretiz lez ta' l-atturi. (**Mattirolo** Vol. I pag.50; **Mortara** VoII p.588;). Il- **Mattirolo** f'dan ir-rigward jispjega illi:
"L'azione compete soltanto e tutela dei diritti; l'interesse e` scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non guidizio possibile; cosi che, per istituire un giudizio, non basta che un fatto d'altro pregudichi I nostri interessi, ma occorre che questo fatto arrechi un danno giuridico, che non esiste se non e` 'injuria datum', se cioe` non e` prodotto da chi esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto."

Il-ligi qeghda hemm biex tipprotegi dak l-interess li ghandu dritt bhala bazi tieghu. Huwa ghalhekk, li jinghad li l-interess huwa l-mizura ta' l-azzjoni.

L-interess irid ikun dirett, personali, konkret jew attwali cioe` jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt. (Ara **Philip Andrew Ransley et vs Emanuel Coleiro et noe.** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Jannar 1997). Illi minbarra dan, u dejjem ghal dak li jirrigwarda l-aspett ta' l-attwalita` tal-interess f'attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa' jsehh matul il-hajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu taghha, ghaliex jekk dan l-interess jonqos, il-konsegwenza hija li l-konvenut jigi liberat mill-

osservanza tal-gudizzju. Hekk gie ritenut fil-kawza **Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard** Appell Civili datat 17 ta' Frar 1993.

Illi gie ritenut ukoll li l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew gid, u jista' jkun ukoll meqjus imsejjes, jekk jimmira li jhares jew jaghti gharfien ghall-jedd morali jew suggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku. (Ara **Axiaq vs Mizzi noe et** Prim Awla Qorti Civili deciza fit-13 ta' Ottubru 1952, **Scolaro vs Bailey,** Appell Civili deciz fil-15 ta' Dicembru 1932, **Tarcisio barbara vs Emanuel Azzopardi, John Bondin,** Prim Awla Qorti Civili deciz fit-28 ta' Marzu 2003).

Dan il-principju gie ribadit fil-kawza **Falzon Sant Manduca vs Weale,** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Jannar 1959, fejn intqal li l-interess irid ikun guridiku, jigifieri jkollu l-elementi mehtiega biex isawru l-interess ta' l-attur, izda dan l-interess m'hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku. Il-Qrati taghna, sahansitra taw decizjonijiet fis-sens li persuna ghandha nteress li tigi msejha fil-kawza anke fejn la tista' tirbah il-kawza u lanqas tista' tigi kkundannata, imma biss ghaliex il-kwistjoni tirrigwarda jeddijiet taghha u ghall-integrita` tal-gudizzju. (Ara **Lawrence Farrugia vs Joseph Fava** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-18 ta' Mejju 1995).

Ghalhekk jekk wiehed jipprova jigbor dawn il-principji fil-qasir wiehed jista' jghid li l-interess guridiku:
- irid ikun attwali [jezisti fil-mument li tigi proposta l-azzjoni riferibbilment ghal ksur ta' jedd u jibqa' jezisti fil-kors kollu tal-kawza]
- irid ikun dirett
- irid ikun legittimu [konformi ghal dritt ta' l-attur, u mhux biss interess]
- irid ikun guridiku [interess li jadixxi l-Qorti biex jottjeni dak li jitlob]
- l-azzjoni trid tkun kapaci li twassal lill-attur ghall-otteniment ta' vantagg u utilita`
- ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur

- il-kawza li jipproponi tkun tista' tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.
- Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir
- Ma jistax ikun ipotetiku, ghalkemm jista' jirreferi ghal jedd morali jew suggettiv.

Illi fil-kaz in ezami, il-kawza giet istitwita mir-rikorrenti fir-rigward tal-fond 27A, Triq il-Ghajn, Had-Dingli, fejn precedentement kienet tghix ommha, cioe` Doris Schembri, imbaghad baqghet toqghod fl-istess fond ir-rikorrenti flimkien ma' erbgha wliedha. Huwa ovvju u mhemmx bzonn ta' elaborazzjoni li r-rikorrenti ghandha interess fl-ezitu tal-kawza. Izda, wiehed irid jaghmilha cara li s-semplici interess jew interess ekonomiku, ma jwassalx necessarjament ghal interess guridiku. Huwa evidenti li r-rikorrent kellha interess fl-ezitu tal-kawza kemm meta giet istitwita, u dan l-interess ghadu jezisti sal-lum. Izda, fil-fehma ta' din il-Qorti, id-dritt li tagixxi [jekk sostenibbli] ma kienx tar-rikorrenti izda ta' ommha Doris M'Anne Schembri u dan minhabba l-fatt li l-fond in kwistjoni qabel kien allokat lil Doris M'Anne Schembri, hekk kif jidher mid-dokument a fol 15, u mhux lir-rikorrenti. Ghalhekk, id-dritt ta' din l-azzjoni kien spettanti lil Doris M'Anne Schembri, u mhux lir-rikorrenti Romina Falzon. Kif diga inghad, dan ma jfissirx li r-rikorrenti Falzon mghandhiex interess fl-ezitu ta' kawza bhal dik odjerna li kieku giet istitwita minn Doris M'Anne Schembri, ghax tali azzjoni kienet kapaci li twassal lir-rikorrenti ghall-otteniment ta' vantagg u utilita`. Izda, dan l-interess tar-rikorrenti mhux legittimu ghax huwa biss interess u mhux konformi ghal dritt tar-rikorrenti. Illi stante li d-dritt ta' l-azzjoni huwa vestit f'persuna ohra u mhux dik rikorrenti, ir-rikorrenti m'ghandhiex interess guridiku.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti D'Anastasi u ghalhekk tillibera lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju.

Spejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------